"Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"
(Mk 9,24)

# LECTIO DIVINA
# L-1 Ħadd tar-Randan
# (Sena Ċ)

**Lq 4,1-13**

żmien ta' konverżjoni u ta' bidla tal-qalb

Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù
Rabat – Għawdex
2013

# “ĠESÙ KIEN IMĠARRAB MIX-XITAN”

**“hemm (fid-deżert) għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-Xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad meta għaddew dawk il-jiem, ħadu l-ġuħ”** (v.2)
***“erbgħin jum”***: Fil-mentalità biblika jfisser ħajja ta’ bniedem, bħalma 40 sena (fid-deżert) ifisser ġenerazzjoni sħiħa.
***“ħadu l-ġuħ”***: Il-prova ta’ Ġesù sseħħ f’mument ta’ dgħufija umana. Huwa faċli li f’dan il-mument ir-rieda tiddgħajjef. Id-dgħufija ssir art fertili wkoll fil-mument tal-passjoni (ara Lq 23).

**“U x-Xitan qallu: ‘Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż.’ Wieġbu Ġesù: ‘Hemm miktub li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix.’”** (v. 3-4)
Il-konfront bejn Kristu u x-Xitan mhuwiex imqiegħed f’atmosfera ta’ ġlieda għax quddiem l-Iben, Satana huwa diġà mirbuħ.
***“il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix”***: Hija parti minn kwotazzjoni ta’ Dt 8,3, imma li tħalli barra *“imma b’dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej”*. Għal bniedem mhix biżżejjed il-ħajja bioloġika li jgħix. Meta wieħed joffri l-ħobż ikun qed joffri ftit wisq: *“id-dixxipli bdew jitolbuh u jgħidulu: ‘Rabbi, kul!’. Iżda hu qalilhom: ‘Jien għandi ikel x’niekol li intom ma tafux bih”* (Ġw 4,31-32), *“għax is-sura ta’ did-dinja għad tgħaddi”* (1 Kor 7,31). Il-bniedem għandu quddiemu ħajja li tmur ’l hinn mill-ħobż. Il-bniedem huwa magħmul għal Alla u xejn minn dak li hu inferjuri għal Alla ma jista’ jimlielu qalbu.

Ir-risposta ta’ Ġesù hija biex il-bniedem ma jiqafx fuq l-istint jew il-ġid materjali jew fuq l-affarijiet tal-mument, altrimenti t-triq għal Alla tingħalaq: *“imma l-bniedem ma jibqax fil-ġieħ, qisu bħall-bhejjem li jintemmu”* (Salm 49,21). Għal Ġesù t-tweġiba jsibha fil-Kelma t’Alla: *“toqogħdux tfittxu x’se tieklu u x’se tixorbu, u xejn titħassbu; dawn kollha ħwejjeġ li jfittxuhom in-nies tad-dinja, u Missierkom jaf li teħtiġuhom. Fittxu mela s-Saltna tiegħu, u magħha mbagħad iżidilkom dawn ukoll”* (Lq 12, 29-31). Permezz tal-Kelma ġie d-dawl u n-nifs fil-bniedem (ara Ġen 1-2) u permezz tal-Kelma saru mirakli u tqajmu l-mejtin: *“għajjat b’leħen għoli: ‘Lazzru, oħroġ!’ U dak li kien mejjet ħareġ”* (Ġw 11, 43-44a).

**“Mbagħad ix-Xitan ħadu fl-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f’daqqa. Qallu x-Xitan: ‘Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxteħet quddiemi tagħtini qima, kollha tiegħek tkun. Ġesù wieġbu u qallu: ‘Hemm miktub, ‘Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima, u lilu biss taqdi.’”** (v.5-7)
***“Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha”***: It-tentatur ma jpoġġix lil Ġesù quddiem il-ħażen, imma quddiem it-tajjeb li mhuwiex il-veru tajjeb.

Bil-Grieg Xitan huwa *diàbolos* li tfisser: dak li jixli, dak li jaqsam, li joħloq diviżjoni. Huwa dak li joħloq diviżjoni bejna u bejn Alla. Fil-fatt kollox qed idur fuq il-kelmiet ‘jekk inti Bin Alla’. Ix-Xitan qed jipprova jissepara lil Ġesù mill-Missier, iridu jinżel għarkupptejh quddiemu, hekk jitlef l-identità tiegħu ta’ Iben li jiddependi fuq Missieru. Hija t-tentazzjoni biex wieħed ma jibqax jafda f’Alla. Imma s-Saltna tkun tassew tal-Messija jekk issa huwa jintelaq tassew f’idejn il-Missier: *“Mela ħa jkun jaf fi żgur il-poplu kollu ta’ iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija”* (Atti 2,36).

***“Hemm miktub, ‘Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima, u lilu biss taqdi.”***: Il-poter jagħmi ’l-qalb tal-bniedem u faċli wieħed jibda jiddivinizzah. Ġesù jwieġeb bl-adorazzjoni lejn Alla (jagħmel referenza għal Dt 6,13). Il-kmandament fundamentali ta’ Iżrael huwa anke l-kmandament fundamentali tal-Insara: wieħed irid jadura biss lil Alla.

**“Mbagħad ix-Xitan ħadu Ġerusalemm, qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju, u qallu: ‘Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel. Għax hemm miktub li ‘Lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek sewwa,’ u li ‘fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma’ xi ġebla.’ Wieġbu Ġesù u qallu: ‘Jingħad, ‘Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek.’”** (v.12)
L-aħħar tentazzjoni sseħħ Ġerusalemm, il-belt il-qaddisa u fl-iżjed post għoli tat-tempju. Ġerusalemm għal Luqa hija l-punt ċentrali tal-attività ta’ Ġesù. F’kap 9,51 Ġesù jibda l-mixja tiegħu lejn din id-destinazzjoni: *“B’rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm”*. Huwa minn Ġerusalemm li l-Knisja tibda l-missjoni tagħha.

***“għax hemm miktub”***: L-aħħar tentazzjoni ssir l-ikbar waħda għax ix-Xitan qed jinqeda bl-istess arma li Ġesù kien jiġġilidlu biha – il-Kelma. Jinqeda bis-Salm 90, salm li juri l-fiduċja tal-bniedem ġust fil-protezzjoni divina. Hawnhekk *“Satana stess jitbiddel f’anġlu tad-dawl”* (2 Kor 11,14).

***“inxteħet minn hawn għal isfel”*:** Hija tip ta’ manipulazzjoni – li tniżżel lil Alla għall-bżonnijiet umani u tobbligah jintervieni: *“Xi wħud mill-kittieba u l-Fariżej qabdu u qalulu: ‘Mgħallem, xtaqna kieku naraw sinjal mingħandek!’ Iżda hu weġibhom: ‘Sinjal iridu nisel ħażin u infidil! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief dak tal-profeta Ġona”* (Mt 12,38-39). Ix-xitan qed jitlob lil Ġesù jgħid lil Alla kif għandu jġib ruħu: “Ikun dak li rrid jien”.
***“Jingħad, ‘Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek’”*:** Ġesù qed jerġa’ jikkwota l-Kelma minn Dt 6,16. Qed iħalli lil Alla l-libertà li jkun Alla u ma jniżżlux għal livell ta’ idolu.

**“Mbagħad ix-Xitan meta temm dan it-tiġrib kollu, telaq minn ħdejh sa ma wasal il-waqt” (v.13)**
Ġesù fid-deżert jirbaħ il-ġlieda imma mhux il-gwerra. Il-ġlieda kienet ser tkompli.
***“il-waqt”*:** kien il-waqt tal-passjoni. Imma Ġesù joħroġ rebbieħ billi jintelaq f’idejn il-Missier: *“għajjat għajta kbira u qal: ‘Missier, f’idejk jien nerħi ruħi.’”* (Lq 23,46).